**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 933/93 AJM

Kawza numru

Adam Scicluna

Vs

Sean Arrigo Azzopardi u b'digriet tal-5 ta' Lulju 1994 Dr. Stephen Thake gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza in statu et terminis.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Awissu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fl-14 ta' April 1990, xi ghaxar minuti wara nofs il-lejl, waqt li l-attur kien passiggier go vettura Mazda Numru D-1451 misjuqa mill-konvenut go triq il-Kappuccini, Victoria, Ghawdex, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku ma vettura Mazda numru J-9673 misjuqa minn Frank Schembri; illi bhala rizultat tal-incident l-attur garrab griehi gravi, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghadu jbati minn debilita' permanenti kif iccertifika l-kirurgu ortopediku David

S. Nairn fl-annessi certifikati datati rispettivament 16 ta' Mejju 1991 u 9 ta' Jannar 1992; illi d-danni ta' l-attur jikkonsistu f'damnum emergens u lucrum cessans; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi l-konvenut, interpellat b'ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 1992 debitament notifikata lilu biex jaghmel tajjeb ghad-danni ta' l-attur, baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;
2. tillikwida d-danni ta' l-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 1992 u dawk tal-ittra ufficjali (presentata kontestwalment ma' dan l-att) ghan-notifika ta' l-assikuraturi tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-10 ta' Novembru 1993 li permezz taghha eccepixxa illi l-htija ghall-incident in kwistjoni ma kienex ta' l-eccipjent stante li ma kienx hemm nuqqas ta' diligenza da parti tieghu. L-incident gara minhabba 'brakes' difettuzi fil-vettura numru D-1451 mikrija minn Jason Pavia minghand Tony Debattista tal-White Arrow Bar. L-eccipjent ma kienx jaf li l-brakes tal-vettura kienu diffetuzi. Dan

l-ahhar qed jinghad li, skond Tony Debattista, il-karozza hadielu Jason Pavia minghajr ma hu kien jaf b'xejn.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat in-nota tal-intervenut fil-kawza Dottor Stephen Thake nomine presentata fl-4 ta' Lulju 1994 li permezz taghha eccepixxa illi huwa ghandu interess dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza illi f'dan l-istadju jikkonsisti fil-verifika tar-responsabbilita' ghall-incident u tal-"quantum" u natura tad-danni reklamati mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-istess intervenut fil-kawza.

Hadet konjizzjoni tal-provi voluminuzi prodotti mill-kontendenti u s-sottomissjonijiet minnhom maghmula.

Rat ir-rapporti medici ta' Mr. Fredrick Zammit Maempel, bhala l-ewwel espert, u sussewgentement ta' Profs Griffiths, Mr. Bernard u Mr.Griscti u l-eskussjoni taghhom.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh matul il-lejl ta' bejn it-13 u 14 ta' April 1990 xi ftit wara nofs il-lejl, fi Triq il-Capuccini, Victoria, Ghawdex. L-attur kien passiggier gewwa vettura numru D-1451, Van tal-marka Mazda, li dak il-hin kienet misjuqa mill-konvenut fid-direzzjoni ta' Marsalforn. Il-kontendenti kienu jifformaw parti minn grupp ta'

guventur li kienu telghu Ghawdex sabiex jqattaw ftit granet mill-vakanzi flimkien. L-attur u l-konvenut kienu telghu b'karozza separata, donnu jidher li kienet vettura tal-attur, filwaqt li l-Van in kwistjoni kienet giet mikrija jew mislufa minn certu Jason Pavia minghand Anthony Debattista u dan tela' Ghawdex biha fil-kumpanija ta' Malcolm Soler u Ryan Mallia gurnata qabel ma telghu l-attur u l-konvenut.

Dawn l-hbieb bdew jabitaw f'appartment gewwa Marsalforn u jidher li, fil-liberta' li kellhom, taw svogg ghax-xorb bla razan. Infatti dak inhar tal-incident jirrizulta li l-attur u Jason Pavia kienu fi stat ta' inebriezza avvanzata. Tant hu hekk li meta l-hbieb iddecidew li jmorru jieklu filghaxija Jason Pavia ma kienx fi stat li jakkompnajahom u ghalhekk xi hadd issugerixxa li dan jittiehed lura l-appartament fejn setgha jorqod l-isbornja tieghu. Il-konvenut accetta li jiehdu hu stess u inghata ic-cwievet tal-Van biex jaghmel uzu minnu biex jwassal lil Pavia fil-flat. Mieghu telghu l-attur u certu Alan Agius. Pavia ittiehed fil-flat u kif it-tlieta l-ohra, cioe l-attur, Agius u l-konvenut, li kien jsuq il-van, kienu sejrin lura ghand shabhom, iltaqghu ma xi hbieb ohra taghhom li qalulhom li kienu sejrin party x'imkien iehor u talbuhom jmorru maghhom. Il-konvenut talabhom jistennewh sakemm jmur jghid lill-shabu l-ohra izda billi dawn ma riedux jistennew il-konvenut iddecida li jsegwihom bil-Van biex jara fejn kien ser jinzamm il-party halli jkun jista' jiehu l-shabu wara li jirritorna ghalihom f'Marsalforn.

Il-konvenut jghid li l-Van ma tantx kienet timxi u ghalhekk kif waslu Victoria tilef lil dawn il-persuni li kien qieghed jsegwi billi dawn kienu qed isuqu b'mod qawwi. Il-konvenut ghalhekk iddecida li jabbanduna kollox u jirritorna lura lejn Marsalforn. Huwa ghalhekk rega qabad in-nizla ta' Capucchine Street u hekk kif qabez il-knisja tilef il-kontroll,

spicca fuq in-nahha l-hazina tat-triq, cioe fuq in-nahha l-ohra tas-centre strip u habat "head on" ma' truck numru J-7673 li kien tiela mid-direzzjoni opposta.

Fl-okkorrenza ta' l-incident redatta mis-Surgent Frank Gauci insiebu dawn il-verzjonijiet tal-partijiet involuti:-

a) Is-sewwieq tat-Truck J-7673.

"When being spoken to by the police Schembri, the driver of truck number J-7673 stated that at the time of the accident he was proceeding uphill along Capucchines Street, Victoria at a moderate speed limit of approx. 20 m.p.h. and on the proper side of the road. On reaching the spot of impact Schembri added that he saw proceeding at an excessive speed from the opp. direction towards his direction and against the one way traffic mini bus no. D-1451 which consequently kept dashing into his front R.H. side. Schembri finally added that he attempted to avoid the collision by applying his footbrake but all was in vain."

b) Il-konvenut.

"When being spoken to Arrigo Azzopardi the driver of Mini bus No. D-1541 stated that he was proceeding down hill along Capucchine Street, Victoria with the intention to proceed towards M'Forn. Arrigo added that on reaching the central strip, in order to avoid dashing into the rear of a car which slowed down whilst proceeding in front of him as his brakes failed to function properly he swerved to the right and consequent (sic) proceeded against the one way traffic signs and w/o knowing how dashed into truck no. J-7673 which was proceeding from the opposite direction. Arrigo

also stated that at the time of the accident he was proceeding at a speed of approx 30 mph and on free gear."

L-attur, Alan Agius u Mary Attard, li lkoll kienu involuti fl-incident, l-ewwel tnejn bhala passiggiera fil-vettura misjuqa mil-konvenut u ta' l-ahhar bhala passiggiera fil-vettura ta' Schembri, lkoll ma ikkontribwew xejn ma dak fuq riportat billi l-attur kien intilef minn sensieh u l-ohrajn ma setghu jiftakru xejn.

Is-surgent li investiga l-incident waqt ix-xhieda tieghu spjega li s-superfici tat-triq kienet tajba u miksija bil-"hot asphalt". Zied jghid li fil-karreggata int u niezel lejn Marsalforn kien hemm "slow" sign. Fl-ahharnett dan qal li ghalkemm il-hsarat fil-vetturi kienu konsiderevoli dawn ma kienux kbar hafna.

Li skizz tal-incident juri l-kurva fi triq il-Kapuccini bis-centre strip li jissepara l-karregata niezla lejn Marsalforn, fejn kien mixi l-konvenut, u dik sejra fid-direzzjoni opposta, fejn kien tiela Schembri. Dan juru wkoll kif spiccaw il-vettura wara l-habta billi dik misjuqa mill-konvenut tinsab kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u cioe fil-karreggata tiela lejn Victoria u mrikkba fuq t-truck ta' Schembri li spicca jhares fid-direzzjoni opposta ghal fejn kien sejjer. Fil-karreggata ma jirrizultaw ebda brake marks la ta' vettura u lanqas ta' ohra.

Ikkunsidrat:-

Qabel xejn ghandu jinghad li mill-fatti fuq riportati jidher bl-aktar mod car li Franky Schembri li kien jsuq t-Truck numru J-7673 ma jahti xejn ghall-akkadut. Infatti dan kien mixi ghall-affari tieghu, fuq sidu u bi

speed moderat. Ftit li xejn seta' ghamel biex jevita' l-incident billi gie rinfaccata b'emergenza kkawzata minn vettura mixja b'certu speed fuq il-karreggata tieghu, liema karreggata kienet interkjuza bis-centre strip fuq naha u bil-hajt tas-sejjih fuq naha ohra. Infatti l-istess Schembri jirrizulta li qal lill-ufficjal li-nvestiga l-incident li pprova japplika l-brakes izda kien kollu ghal ta' xejn. Din il-konkluzzjoni hija accettat mill-partijiet billi l-attur lanqas biss ma agixxa kontra dan Schembri u l-konvenut ma allega ebda nuqqas da parti tieghu.

Mill-istess fatti jidher ukoll li l-attur bl-ebda mod ma ikkontribwixxa ghal dan l-incident. Infatti dan kien semplici passiggier fil-Van misjuqa mill-konvenut u ghalkemm jidher mill-provi li dan kien f'dak il-mument fi stat ta' inebriatezza qatt ma gie allegat li ghamel xi haga li setghet jew fixklet lill-konvenut waqt is-sewqan jew li indahal fil-kontroll tal-vettura. Il-presenza ta' l-attur fil-Van in kwistjoni misjuq mill-konvenut ghabba lill-istess konvenut bl-obbligu "to take care" mhux biss li ma jikkawzax hsara lilu nnifsu izda ukoll li joqghod attent li bis-sewqan tieghu ma jikkawxaz hsara lill-passiggiera li kellu mieghu. Bhala l-persuna li kellha taht idejha l-kontroll tal-vettura l-konvenut ghandu jirrispondi, kemm-l darba l-incident gara tort tieghu, ghal kull dannu li seta' sofra l-attur. Dan huwa n-ness guridiku bejn il-kontendenti.

Ikkunsidrat:-

Id-difiza tal-konvenut hija fis-sens li l-incident de quo ma garax minhabba xi nuqqas ta' diligenza (fis-sewqan) da parti tieghu, izda kienet konsegwenza tal-fatt li l-brakes tal-vettura li kien qed isuq hu kienu difettuzi u li hu ma kienx jaf b'dan id-difett.

Allegazzjoni simili tista', jekk tirrizulta, tammonta ghal difiza soddisfacjenti specjalment meta, bhal fil-kaz in ezami, l-vettura in kwistjoni ma kienetx tal-konvenut izda ta' terza persuna u l-konvenut ma jkunx konxju ta' dan id-difett. Ghalhekk jista' jigri li r-responsabbilita' ghall-akkadut taqa' fuq persuna ohra.

Mill-provi voluminuzi prodotti fir-rigward jidher li hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kondizzjoni tal-brakes tal-Van misjuq mill-konvenut. Kif ga rajna fl-okkorrenza jirrizulta li l-konvenut qal li l-incident gara ghax il-"brakes failed to function properly". Shabu Malcolm Soler u Ryan Mallia, li t-tnejn kienu ma Pavia meta dan kera l-van, allegaw li dan il-van kellu difetti fil-clutch u fil-brakes. Il-clutch kien jehtieg "double clutching" ghall-ingagg ta' gears, fil-waqt li dwar il-brakes jghidu li kellhom bzonn ippumpjar.

Kontro dawn ix-xhieda hemm dik ta' l-istess Anthony Debattista, sid il-Van li cahad kategorikament li l-vettura kellha xi difett fis-sistema tal-brakes. Anzi dan jghid li huwa kien ghamel service fuq il-van u kien juzah regolament ghax-xoghol tieghu. Inoltre l-istess Debattista qal li wara l-incident hadd ma semmielu li l-incident gara minhabba xi difett fil-brakes u mhux talli hekk talli huwa gie imhallas minn missier l-konvenut tal-hsara li kien hemm fil-van. L-istess Jason Pavia li kien il-persuna li nnegozja l-kirja u ha pussess tal-van u saqu ripetutament qal "Waqt li soqt il-van qatt ma hassejt li kelli naghmel xi haga specjali minhabba xi difett li setgha kellu fil-barkes, jista' jkun li l-van kellu xi difett zghir fil-brakes fis-sens mhux li ma kellux brakes imma li ma kienux jorbtu daqs li kieku kienet karozza gdida."

Roma Grech, habiba tal-konvenut li waslet fuq il-post tal-incident ftit wara li dan sehh u anke marret takkompanjahom l-isptar, qalet li ghalkemm dakinhar kienet kellmet lill-konvenut dan ma kien qallha xejn partikolari dwar kif gara l-incident.

Jidher ghalhekk li hemm certa nuqqas ta' qbil dwar l-ezistenza tal-allegat difett fil-brakes tal-van in kwistjoni. Din il-Qorti izda hija propensa li tikkoncedi li l-kondizzjonijiet tal-brakes ma kienux bhal ta' vettura gdida, kif qal Jason Pavia, u dana anke stante li din kienet vettura qadima li anke kienet inxtrat "second hand" minn Debattista. Izda tali difetti mehud fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif sejjer jinghad, ma ghandux jeskolpa lill-konvenut mir-responsabbilita' ghall-akkadut.

Infatti, kif sewwa irrileva l-abbli difensur ta'l-attur, in-negligenza tal-konvenut sta fil-fatt li dan ghal distanza konsiderevoli qabel l-incident u cioe minn hdejn l-ufficini tas-socjeta' Ta' Frenc, hdejn l-inkrocju fejn tibda Capucchine Street, huwa kien induna li l-brakes ma kienux qed jiffunzjonaw perfett. Huwa hemm applika l-brake u induna li dan trid terga tippumpjah biex jzomm sew. (Fol 251). B'dana kollu l-konvenut, li dak il-hin kien "free wheeling" xorta wahda baqa' niezel, jerga jinghad, ghal distanza konsiderevoli, bil-free gear. Ghalhekk kien dan il-"free wheeling" akkopanjat mal-"inefficenza" fil-funzjonament tal-brakes, li gialet lill-konvenut jitlef il-kontroll meta f'kurva sab vettura quddiemu u biex jevitaha gibed fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Li tinzel nizla bhal ma hi Capucchine Street bil-free meta tkun konxju li l-brakes ma tanx huma tajbin, hija fil-fehma ta' din il-Qorti negligenza grassa li waslet sabiex jsir l-incident in kwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti

issib lill-konvenut responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement ghad-danni subiti mill-attur.

Ikkunsidrat:-

Fil-premessi tac-citazzjoni l-attur jghid li "*bhala rizultat tal-incident garrab griehi gravi ..... u ghadu jbati minn dizabilita' permanenti.*" L-attur kompla jghid li d-danni tieghu jikkonsistu *"f'damnum emergens u lucrum cessans."*

Fi zmien tal-incident l-attur kien ghadu student jstudja ghall-finals tal-Advanced Level fil-fisika u matematika, gewwa Cambridge, l-Ingilterra. Ghalhekk kif qal l-attur innifsu "Li spejjes biex tlajt l-Ingilterra hallashom il-papa. Ma hallsthomx jien ghax ma kelliex flus ghax dak iz-zmien kont student."

Issa hawn ghandu jigi rilevat li l-proceduri odjerni gew istitwiti minn Adam Scicluna biss u l-genituri tieghu ma resqu ebda talba, bhala parti fil-kawza, fir-rigward ta' l-ispejjes minnhom inkorsi. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-ispejjes kollha imsemmija fid-dokumenti JS1 ezebit a fol 168 tal-process billi dawn gew inkorsi mill-genituri tieghu jew jikkoncernaw terzi persuni li wkoll mhux parti fil-kawza.

Dan premess jidher li l-unika danni subiti mill-attur huma ta' natura ta'Lucrum Cessans rizultanti mid-disabilita' permanenti li jirrizulta li sofra l-attur bhala konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi. Dawn id-danni izda ghandhom jigu suddivizi taht zewg kapi; cioe (a) it-telf li sofra l-attur minhabba l-fatt li tilef l-opportunita' li jsir pilota mal-linja ta'

l-Ajru tal-British Airways, kif dejjem xtaq; u (b) it-telf potenzjali rizultat tad-disabilita'.

a) British Airways.

Fl-1990 l-attur kien applika mal-British Airways biex jigi ammess jsegwi kors ta' pilota bl-idea li eventwalment jigi impjegat ma din is-socjeta' f'din il-kariga. Hu xhed li kien ghamel ezami preliminari fil-bidu ta' dik is-sena u kellu jattendi ghall-*interview* f'Settembru 1990 wara li jkun ikkonkluda b'success l-ezamijiet tieghu li ghalihom kien qed jistudja fl-Ingilterra. Dawn l-ezamijiet kellhom jinzammu f'Mejju jew Gunju 1990.

L-incident in kwistjoni sehh f'April 1990 u billi l-attur kellu jkun rikoverat ghall-zmien twil l-isptar fl-Ingilterra, fejn kien immobilizzat bi traction ta' siequ ix-xellugija, dan ma setghax ikompli bl-istudji tieghu, billi, kif qal l-istess Dr. Nairn, anke c-cirkostanzi ta' l-isptar ma kienux jippermettielu koncentrazzjoni. Ghalhekk l-attur ma qaghadx ghall-ezamijiet dik is-sena u bhala rizultat ma setghax jattendi ghall-interview li kien ippjanat ghall-Settembru 1990. B'ittra ta' l-1 ta' Awissu 1990 ta' Ms Angela Bargent, (fol 122) tas-sezzjoni tal-Pilot Recruitment tal-British Airways, wara li din kienet giet infurmata bil-konsegwenzi ta' l-incident, l-attur gie infurmat li "In the circumstances I will hold his application for our 1991 entry."

L-attur kompla li studji tieghu l-Ingilterra fl-1991 u qaghad ghall-ezamijiet b'success izda meta rega kiteb lill-istess Ms Bargent fit-23 ta' Awissu 1991 (fol 120) in konnessjoni mal-interess tieghu biex jistudja ghal u eventwalment jahdem bhala pilot mal-British Airways, huwa gie

infurmat (fol 119) li "Britsih Airways is currently reviewing future training plans, so I will be holding your application pending the outcome of the decision on our future manpower requirements." Fl-istess ittra l-attur gie imwieghed aktar informazzjoni wara li ttittiehed decizzjon. Gara izda li l-attur qatt ma rega' semgha minn ghand il-British Airways u sal 1994 baqa' impjegat ma' missieru.

Fl-1994 l-attur gie accettat mill-Air Malta biex jsegwi kors ta' tharrig fis-sengha ta'pilota mal-istess kumpanija. Jidher mid-dokumenti a fol 199, 214 u 215 li l-attur ghamel progress fl-istudji fejn anke f'ittra ta' Charles Shaw, instructor tal-Flight Training Centre ta' Arizona, fejn kien intbaghad mis-socjeta' Air Malta gie deskritt bhala li "possess a natural ability and adaptability to flying" u li kien "met all the challenges of the programe and exceeded the requirements." Kien ghalhekk li fil-11 ta' Marzu 1996 l-attur ottjena l-Air Transport Pilot's Licence.

Minn dan kollu jidher li l-attur kellu dejjem l-attitudini u x-xewqa li jsir pilota. Eventwalment ha l-licenzja tieghu w llum jinsab impjegat mas-socjeta' Air Malta. B'dana kollu l-attur qed jirreklama kumpens minhabba l-fatt li l-incident zammu milli jottjeni ezattament dak li ried u cioe li jkun pilota ma' linja ta' l-ajru kbira bhal ma hi l-British Airways. Inoltre qed isostni li l-fatt li huwa ma setghax joqghod ghall-ezamijiet ta' Mejju/Gunju 1990 minhabba l-incident, huwa mhux biss tilef l-opportunita' li jattendi l-interview mal-British Airways li kien ppjanat bil-possibilita' li jigi accettat, izda qed jinghad ukoll li l-attur tilef sena billi kellu jipposponi li studji u l-ezamijiet bir-rizultat li dan kellu fuq l-progress naturali fil-hajja lavorattiva tieghu.

Wiehed hawn jista' mill-ewwel josserva li l-ingagg ta' l-attur mal-British Airways bhala konsegwenza tal-interview ma kienx fiz-zgur. L-attur setgha facilment jigi rigettat u kien ghalhekk isib ruhu fil-posizzjoni li jinsab illum. Izda minn ezami tad-dokumenti ezebiti, sew dawk li huma rizultati ta' ezamijiet sew kummenti ta' persuni f'karigi gholja fil-qasam tal-ajru, jidher li l-prospettivi ghall-attur kienu tajbin. Infatti fil-gradwatorja tar-rizultati tal-piloti li hadu l-licenzja ta' Pilot u gew ingaggati mal-Air Malta, l-attur jirrizulta fl-ghola post. Ghalhekk l-attur kellu l-potenzjal.

L-attur mistoqsi x'kienet r-raguni tat-talba tieghu qal bl-aktar mod skjet li kieku ma kienx ghall-incident huwa seta' dahal ma' linja ta' l-ajru fil-1990 minflokk fil-1994. Inoltre l-incident telliflu l-possibilita' ta' opportunitajiet akbar ta' avvanz u salarju ghola ma linja ta' l-ajru kbira bhal ma hi l-British Airways. Dawn huma kollha ragunijiet validi f'talba ghall-kumpens billi l-aspettativi ta' l-attur fil-hajja lavorattiva tieghu gew soggogati jew mrazna.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni din il-Qorti tirraviza certa diffikulta' fil-likwidazzjoni ta' danni taht dan il-kap. Dan mhux biss minhabba l-incertezza fit-twettieq ta' l-aspettativi ta' l-attur izda ukoll billi ma tresqux provi fuq l-*earning potential* ta' pilota mal-British Airways. Ghalhekk din il-Qorti thoss li filwaqt li jkun xieraq li l-attur jircevi kumpens dan jigi likwidat *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti. Fic-cirkostanzi, u tenut kont ta' dak kollu li inghad hawn fuq, hija l-fehma ta'din il-Qorti li s-somma ta' ghaxar telef lira maltin (LM10,000) ghandha tigi kunsidrata bhala kumpens adegwat ghat-telf soffert mill-attur ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

b) Disabilita'.

Fl-incident imsemmi l-attur korra serjament u kellu jigi rikoverat l-isptar, l-ewwel f'Ghawdex, ibaghad Malta u eventwalment l-Ingilterra. Fl-isptarijiet l-attur ghamel zmien relattivament twil u anke wara li gie "dismissed" kellu jimxi bl-assistenza ta' bastun u baqa' jattendi l-isptar bhala 'out patient' biex l-progress tieghu jigi moniterizzat.

Ir-rapport ta' l-espert mediku Mr Fredrick Zammit Maempel, mahtur appositament minn din il-Qorti biex jiddetermina jekk l-attur kien qed isofri disabilita' u f'kaz affermattiv jigi indikat l-percetagg ta' tali disabilita', l-griehi sofferti mill-attur gew deskritti hekk:-

a) Konkaxin.
b) Ticrita fuq ghalnejh l-leminija, li giet mehjuta.
c) Ticrita fuq il-wicc tal-pala ta' siequ x-xellugija li giet mehjuta. L-gherq tas-seba kbir kien maqtuh fl-istess ferita.
d) Gog tal-ingropp tax-xellug zlugat u dan kien ingibed f'postu.

Wara ezami kliniku u ta' x-rays l-espert mediku kkummenta hekk dwar il-kondizzjoni fisika ta' l-attur:-

"Is-sur Adam Scicluna ddarrab gravi f'incident stradali fit-13 ta' April 1990. Bhala rizultat, seba' snin wara, baqalu:-

1. Cikatrici fuq mohhu li tidher mill-boghod u nuqqas ta' funzjoni tan-nerv sopraorbitali tal-lemin, li minhabba fih, il-lemin ta' mohhu ma jitkemmix meta jitbissem jew iqarras wiccu.
2. Gog tal-ingropp tax-xellug li ma rkuprax moviment shih, li xi drabi jugew u li biz-zmien hemm probabilita' kbira li jrabbi l-artrite.

“Il-pala ta’ siequ xellugija” kompla l-espert, “kienet ukoll iddarbet, izda jiena ma nsibx nuqqas relevanti ghal funzjoni tieghu.”

In konkluzzjoni l-espert stabilixxa dizabilita’ permanenti fi grad ta’15%.

Irrizulta waqt s-smiegh tal-provi li l-attur kien appassjonat ta’ l-isport u li xi zmien wara l-incident huwa rega beda jippartecipa f’attivitajiet sportivi bhal ma huwa l-football, squash, water skiing u attivitajiet simili. Inoltre l-attur, bid-dizabilita’ tieghu b’kollox irnexxielu jottjeni licenza ta’ pilota u li jigi ingaggat f’dik il-kariga, ma’ linja ta’ l-ajru. Ghalhekk sew l-konvenut kif ukoll l-intervenut fil-kawza, urew certa riservi fil-konfront tad-dizabilita’ permanenti stabbilita’ mill-espert mediku. Dan gara billi qed jinghad li gialadarba l-griehi subiti mill-attur la fixkluh fl-attivitajiet sportivi tieghu u lanqas fixkluh fl-otteniment ta’ kariga li normalment titlob stat fiziku eccellenti, kif allura jista’ jinghad, qed jistaqsu l-kontro parti, li l-attur ghandu dizabilita’ ta’ grad gholi bhal dak stabbilit?

Dawn ir-rizervi izda ma ghandhom ebda fondament billi fl-ewwel lok l-opinjoni espressa mill-espert mediku Mr Fredrick Zammit Maempel giet konfermata b’mod assolut mill-esperti medici addizzjonali mahtura fuq talba tal-konvenut. Dawn effettivament kkonkludew li l-attur qieghed jbati minn dizabilita permanenti fi grad ta’ 15%. Barra minn hekk ghandu jinghad li d-dizabilita’ permanenti kagun ta’ incident hija stabbilita’ b’mod oggettiv bazata fuq ir-rizultanzi klinici. L-espert ma ghandux jipprogetta l-kalkoli tieghu fil-futur bazati fuq t-ton tal-hajja ta’ dak li jkun. Ghalhekk fil-kaz in ezami insibu li l-istess Dr. Nairn, li kkura lill-attur l-Ingilterra, qal li fl-opinjoni tieghu l-attur ma ghandux jippartecipa fi sport billi b’hekk jaggrava s-sitwazzjoni pre-ezistenti

tieghu. Daqstant qal l-espert Mr Zammit Maempel meta gie eskuss billi dan sostna li partecipazzjoni fi sport, partikolarment tat-tip li jiehu parti fih l-attur, "qed jaggravalu s-sitwazzjoni". Izda sostna l-espert "Dak li hemm hemm." Minn dan l-Qorti tosserva li x-xelta tat-tenur ta' hajja ta' bniedem hija xelta personali u jekk wiehed jghazel li minkejja d-dizabilita' jzomm ruhu attiv anke fi sport perikoluz, dan ma ghandux jirrifletti negattivament fuq l-kumpens li jista' jkun intitolat minhabba dik id-dizabilita' kagun tal-incident. Wara kollox l-esperti kollha, inkluz Dr Nairn, huma konkordi li bil-partecipazzjoni tieghu fi sport l-attur jsofri ugieh – haga li persuna minghajr dik id-dizabilita' ma ghandux ibaghti – u li finalment tali partecipazzjoni ser tippeggioralu l-kondizzjoni tieghu fir-rigward ta' artrite fil-gogg. Pero' dan la jnaqqas u lanqas jzied mal-kondizzjoni pre-ezistenti ta' l-attur rizultat tal-incident.

Dwar l-ingagg ta' l-attur bhala pilot ma linja ta' l-ajru qed jigi sottomess li dan ma giex milqut avversament minhabba d-dizabilita' kawzata bl-incident. Infatti qed jigi suggerit li gialadarba l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti iebsa ta' sahha mentali u fisika li huma mistennija minn persuna f'impieg simili, wiehed ma jistax jikkunsidrah bhala meritevoli ta' kumpens ghall-telf futur. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghas-segwenti ragunijiet:-

a) L-ingagg ta' l-attur bhala pilot ma' linja ta' l-ajru jimporta ukoll l-kopertura tieghu, flimkien ma shabu l-ohra kollha, taht diversi assikurazzjonijiet. Dawn, skond Jennifer Gatt, rappresentant tal-assikurazzjoni in kwistjoni, huma Group Life Policy, Group Personal Accident Policy u Loss of Licence Insurance. Issa minhabba d-dizabilita' pre-ezistenti ta' l-attur l-kopertura tieghu hija kwalifikata fis-sens li fir-rigward ta' Loss of Licence Insurance, l-attur ma jkollux dritt li jippercepixxi l-kumpens

stabbilit ta' LM40,000 f'kaz li huwa jitlef il-licenzja ta' pilota minhabba "osteoartritis or other internal derangement of the left hip." Similment fil-kaz tal-polza li tkoprih ghall-personal accident, l-attur ukoll jsofri riduzzjoni tal-kumpens li jista' jithallas minhabba l-kondizzjoni pre-ezistenti tieghu kagunata mill-incident. Ghalhekk f'dan is-sens l-attur huwa zvantaggat.

b) Il-griehi li l-attur sofra fil-gog tal-"hip" xellugi jistghu, anzi hemm probabilita' qawwija skond l-esperti, li dawn jwasslu ghal osteoartite prekoci fis-suggett. Barra minn hekk skond ma qal Dr Nairn, din il-kondizzjoni jkollha effett negattiv konsistenti f'ugieh meta dik il-persuna toqghod bilqeghda ghal zmien twil – haga li piloti huma mistennija li jaghmlu w anke dan, f'posizzjoni ristretta.

c) Il-kumpens dovut bhala rizultat ta' dizabilita' permanenti dejjem, skond il-gurisprudenza kostanti, jigi komputat fuq it-taghlim ta' Butler vs Heard billi l-parti interessata tigi kumpensata b'somma mahduma fuq l-"earning capacity" taghha fuq firxa ta' snin progettati fil-futur. Dan hu l-hekk imsejjah "multiplier". Ghalhekk insibu li fuq l-medda ta' snin li din is-sistema giet adottata persuni li effettivament ma tilfu xejn mil-qligh effettiv taghhom minhabba xi dizabilita' kkawzata f'incident gew kkumpensati b'somma ta' flus li "tirrapresenta" telf ta' qliegh futur.

Tenut kont ta' dan kollu kif ukoll tal-eta' zghira tal-attur fid-data tal-incident u tal-introitu tieghu bhala pilota mal-linja ta' l-Ajru Air Malta din il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens li ghandu jigi likwidat favur l-attur bhala kumpens ghal telf ta' qliegh futur ghandu jirrapresenta 15 fil-mija tat-total ta' introitu annwu ta' hdax-il elf lira maltin (LM11,000), multiplikat ghal ghoxrin sena. Dan jaghti totali ta' tlieta u tletin elf lira maltin (LM33,000). Billi l-kawza damet zmien twil biex tigi konkjuza u

dana minhabba d-diversi xhieda u problemi komplikati involuti, din il-Qorti thoss li l-percentagg li normalment jitnaqqas mill-ammont ta' kumpens finali, minhabba l-fatt li l-kumpens ser jithallas f'daqqa, ghandu jigi ridott ghal ghaxra fil-mija (10%) u b'hekk l-ammont finali dovut lill-attur ghal tlef ta' qliegh futur jammonta ghal disa u ghoxrin elf u seba' mitt lira maltin (LM29,700) li maqud mas-somma ta' LM10,000 fuq likwidata, ghar-ragunijiet hemm moghtija, jgib kumpens komplessiv ta' disa' u tlettin elf u seba' mitt lira maltin (LM39,700).

Finalment din il-Qorti tosserva li dwar ir-riservi maghmula mill-intervenut fil-kawza fil-konfront tal-kopertura assikurattiva tal-konvenut minhabba l-ezistenza u meno ta' licenzja tas-sewqan, dawn mhux gustifikati billi l-istess konvenut xhed bil-gurament li huwa kien ottjena licenzja f'Ottubru tas-sena ta' qabel ma gara l-incident. Illi mix-xhieda prodotti ma tirrizulta ebda prova kontrarja billi r-records tal-Licensing Office gew distrutti wara li dan d-dipartiment qaleb ghas-sistema kompjuterizzata fin-1993, u finalment l-istess Okkorrenza tal-incident tindika li l-konvenut fid-data tal-incident kellu fil-pussess tieghu licenzja tas-sewqan ghall-Group I mahruga fin-1990 numru 008592 u wara l-incident ma ittiehdu ebda proceduri mill-pulizija, kif normalment isir, in konnessjoni mal-licenzja tas-sewqan.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u wara li hadet konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-intervenut fil-kawza, li ma jirrikjedux provvediment hlief ghal kif sejjer jinghad, tipprovdi minn din il-vertenza billi tiddikjara lill-konvenut Sean Arrigo Azzopardi bhala responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u konsegwentement ghad-danni sofferti mill-attur, tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' disa' u tlettin elf u seba' mitt lira maltin

(LM39,700) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk dikjarat dovut bl-imghax legali mill-lum.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Sean Arrigo Azzopardi hlief ghal dawk tal-intervenut fil-kawza li ghandu jbatihom l-istess intervenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri